MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2009

Numru 25/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Gamil Abu Bakr**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 25 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat Gamil Abu Bakr, li bih huwa gie akkuzat talli:

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Uniku Kap illi fil-granet ta' qabel ix-xahar ta' Dicembru tas-sena 2005, l-akkuzat Gamil Abu Bakr iddecieda li jibda jittrasporta persuni, b'mod illegali, minn Malta lejn Sqallija. L-iskop ta' dan il-pjan altament riskjuz kien il-profitt kbir li jiggeneraw dawn it-tip ta' operazzjonijiet. L-akkuzat, li spiss kien izur lil xi nies gewwa post ta' detenzjoni f'Hal Safi, ltaqa' hekk ma' erba' persuni ta' nazzjonalita' Indjana w weghedhom li kien ser iharrabhom minn Malta lejn Sqallija. Ftit wara, dawn l-erba' persuni, li kienu dahlu Malta llegalment, harbu mill-post ta' detenzjoni w marru ghand l-akkuzat ghall-ghajnuna. Gamil Abu Bakr sabilhom post fejn

joqghodu sakemm jaghmel l-arrangamenti biex iharrabhom kif kien wieghed.

Fil-fatt ftit qabel il-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Dicembru ta' dik is-sena, wara li kien thallas elf lira Maltin minn kull wiehed minn dawn l-erba' Indjani ghas-sehem tieghu f'dan l-att kriminali, l-akkuzat ipprokura dghajsa tat-tip *Fletcher* u kkonsenjaha lilhom tramite terza persuna sabiex jaghmlu l-vjagg lejn Sqallija. L-erba' persuni ta' nazzjonalita' Indjana telqu llegalment mill-Belt Valletta izda kif kienu xi erba' mili nawtici 'l barra sabu ruhhom f'diffikulta' w id-dghajsa bidet teghreq. Dan gara minhabba l-fatt li ebda wiehed minn dawn l-Indjani kien bahhar ta' esperjenza w anki minhabba l-fatt li d-dghajsa prokurata mill-akkuzat kienet fi stat hazin u mhux adattata ghal dawn it-tip ta' vjaggi. Il-Forzi Armati ta' Malta gew infurmati bid-diffikultajiet li kienu sabu ruhhom fihom dawn il-persuni w hargu ghalihom biex igiebhom lura fuq l-art kif fil-fatt ghamlu.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Gamil Abu Bakr sar hati talli, bil-hsieb li jaghmel xi qliegh li jkun, ghen, assista, ta parir jew habrek biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu jew jghaddu minn jew jaghmlu tentattiv biex jghaddu minn jew jaghmlu tentattiv biex johorgu minn Malta bi ksur tal-Ligijiet ta' Malta, jew li, sew f'Malta sew barra minn Malta, kkongura f'dak is-sens ma' xi persuna ohra; b'dan li l-persuni mghejjuna, assistiti, moghtija parir, li jkun sar thabrik dwarhom, jew il-mira tal-kongura, kienu ta' aktar minn tlieta.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Gamil Mohammed Ahmed Abobaker" tat-2 ta' Dicembru, 1998, l-akkuzat Gamil Abu Baku nstab hati ta' diversi delitti.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Gamil Abu Bakr, recidiv f'delitt, hati talli, bil-hsieb li jaghmel xi qliegh li jkun, ghen, assista, ta parir jew habrek biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu jew jghaddu minn jew jaghmlu tentattiv biex jghaddu minn jew jaghmlu tentattiv

biex johorgu minn Malta bi ksur tal-Ligijiet ta' Malta, jew li, sew f'Malta sew barra minn Malta, kkongura f'dak is-sens ma' xi persuna ohra; b'dan li l-persuni mghejjuna, assistiti, moghtija parir, li jkun sar thabrik dwarhom, jew il-mira tal-kongura, kienu ta' aktar minn tlieta.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn tmintax-il xahar sa ghoxrin sena w ghal multa ta' ghaxart elef lira (LM10,000), skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 337A(1), 23, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih bi tmin (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu lill-akkuzat Gamil Abu Bakr hati skond l-Uniku Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.

Rat il-verbal li bih id-difiza ddikjarat li, filwaqt li qed tikkontesta l-addebitu tar-recidiva, taqbel li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija (Spettur Pierre Calleja w Spettur Hubert Cini) kontra Gamil Ahmed Abu Bakr"** moghtija fit-2 ta' Dicembru 1998, kienet inghatat fil-konfront tal-istess akkuzat hawn prezenti fl-Awla w ghalhekk m'hemx il-htiega li ssir il-prova tal-identita' tal-istess akkuzat f'din il-kawza.

Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu wkoll li s-sentenza sospiza msemmija qatt ma dahlet fis-sehh sal-lum kif ukoll qablu li r-reat li tieghu nstab hati llum l-akkuzat ma sarx entro l-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza sospiza.

Rat ukoll il-verbal fejn il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu li l-perjodu tar-recidiva f'dan il-kaz ikun wiehed ta' hames (5) snin.

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni w id-difiza dwar dan il-punt.

Rat il-verbal li bih l-akkuzat, wara li sema' l-Indirizz Ulterjuri tal-Imhallef, iddikjara li kien qed jammetti l-addebitu tar-recidiva.

Rat il-verdett ulterjuri tal-gurati li bih unanimament iddikjaraw lill-hati recidiv skond l-Att tal-Akkuza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Tiddikjara ghalhekk lil Gamil Abu Bakr, recidiv, hati talli qabel il-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Dicembru, tas-sena 2005, bil-hsieb li jaghmel xi qliegh li jkun, ghen, assista, ta parir jew habrek biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu jew jghaddu minn jew jaghmlu tentattiv biex jghaddu minn jew jaghmlu tentattiv biex johorgu minn Malta bi ksur tal-Ligijiet ta' Malta, jew li, sew f'Malta sew barra minn Malta, kkongura f'dak is-sens ma' xi persuna ohra; b'dan li l-persuni mghejjuna, assistiti, moghtija parir, li jkun sar thabrik dwarhom, jew il-mira tal-kongura, kienu ta' aktar minn tlieta.

Qieset li l-piena ghar-reat li tieghu nstab hati Gamil Abu Bakr hija dik ta' prigunerija minn sitt xhur sa hames snin jew multa ta' €23,293.73 jew dik il-multa w prigunerija flimkien.

Pero' peress li f'dan il-kaz ir-reat jikkoncerna ghadd ta' persuni mghejjuna li kienu aktar minn tlieta, l-piena ghandha tizdied bi grad wiehed sa tlett gradi. Ghalhekk f'dan il-kaz mill-piena massima ta' hames snin prigunerija, bl-applikazzjoni tal-artikolu 31(1)(b)(iii)(iv)(v), il-piena massima titla' addirittura ghal wahda ta' tnax il-sena prigunerija w ladarba l-akkuzat instab hati tal-addebitu tar-recidiva, tali piena massima tista' tizdied bi grad wiehed iehor, sa ghoxrin sena prigunerija skond l-artikolu 31(1)(b)(ii).

Qieset is-sottomissjonijiet KOLLHA tal-abbli difensur Dr. R. Montalto, li jinsabu kollha registrati w jistghu jigu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess.

Qieset dak li qalet l-abbli prosekutrici Dr. L. Lanfranco illi jinsabu kollha registrati w jistghu jigu verifikati mat-traskrizzjoni.

Ikkonsidrat li, kif issottometta l-abbli difensur, f'dan il-kaz irrizulta li kien hemm biss persuna wahda in eccess ghan-numru ta' tlieta li gew mghejjuna mill-hati biex jaharbu minn Malta w dan l-eccess marginali ghalhekk ghandu jwassal biex din il-Qorti zzid il-piena biss bi grad wiehed mandatorju fuq il-piena ordinarja massima ta' hames snin prigunerija.

Din il-Qorti qed takkolji din is-sottomissjoni w ghalhekk il-piena massima biz-zieda bi grad minhabba r-recidiva tkun ghalhekk biss wahda ta' disa' snin prigunerija.

Ikkonsidrat mill-banda l-ohra l-gravita' ta' dan ir-reat fil-kontest li l-Gzejjer Maltin qed iservu bhala mezz ta' transitu mill-Afrika ta' Fuq u pajjizi ohra ghall-pajjizi ohra fit-tramuntana ta' dawn il-Gzejjer, bil-perikoli kemm ghall-persuni traffikati nnifishom kif ukoll ghat-tessut socjali w ekonomiku w ghas-sigurta' nazzjonali ta' dawn il-Gzejjer u ghalhekk dawn il-Qrati ghandhom jiehdu veduta serja ta' reati simili fil-parametri tad-diskrezzjoni lilhom moghotija mill-legislatur, bil-ghan li jkun hemm deterrent ghall-prattici llegali simili.

Rat illi din mhux l-ewwel darba li l-hati kiser difrejh mal-ligi kemm ilu li gie hawn Malta mis-Sudan u stabilixxa ruhu f'dawn il-Gzejjer u dan il-fattur irid jitqies ukoll fl-ikkalibrar tal-piena.

Qieset ukoll sentenzi ta' Qrati ohra li jikkoncernaw l-istess tip ta' reat u partikolarment is-sentenza taghha fil-kawza **"The Republic of Malta vs Lin Yi"** [13/3/2006].

Wara li qieset dan kollu, w wara li rat l-artikoli 337A(1), 23, 31(1)(b)(iv)(v)(vi), 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati Gamil Abu Bakr ghall-piena ta' seba' (7) snin prigunerija, b'dana li minn dan il-periodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv BISS

in konnessjoni ma dan ir-reat kif ukoll li jhallas is-somma ta’ erba’ mija w tmienja w tmenin Euro w tmienja w tletin centezmi (€488.38) import ta’ l-ispejjez tal-perizji.

Tordna wkoll il-konfiska taz-zewg “speed boats” esebiti formalment quddiem il-Qorti f’dan il-process favur il-Gvern ta’ Malta.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f’ terminu ta’ prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------